**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Amanda Agius**

**Kawza numru: 3131/2025**

**Illum 07 ta' Marzu, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Amanda Agius** bint Albert u Maria Anna Zammit, imwielda Pieta' fis-16 ta' Dicembru 1982 ta' Earl's Court, Flata 1, Triq l-Isqof Emm. Galea, Zejtun, ID 8383M;

**Akkuzat** talli fid-19 ta' Settembru 2021 ghal habta ta' 03:00hrs waqt li kont gewwa l-istabiliment 'Red Stars', Triq San Girgor, Zejtun:

1. Bhala bar, kazin, ristorant, snackbar jew kiosk, li l-licenzja taloperat tieghek qieghda tah tir-Regolamenti dwar licenzji tal-

Pulizija jew ir-regolamenti dwar stabbilimenti li jipprovdiu l-ikel, ma kontx maghluq bejn is-saghtejn ta' filghodu (02:00am) u l-hamsa ta' filghodu (05:00am).

2. Bhala bar, kazin, ristorant, snackbar jew kiosk, li l-licenzja tal-operta tieghek qieghda tah tir-Regolament dwar licenzji tal-Pulizija jew ir-regolamenti dwar stabbilimenti li jipprovdu l-ikel, ma servejtx biss lil klijenti li kienu bilqeghda fuq mejda u mhux aktar minn sitt persuni, kif ukoll li bejn mejda u ohra ma nzammietx id-distanza ta' zewg metri.

3. Bil-lejl volontarjament ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor.

4. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

5. Bhala persuna responsabbli mill-istabilliment maghruf bhala Red Stars li jinsab fi Triq San Girgor, Zejtun, ippermettejt jew hallejt persuna jew persuni jpejjpu prodott ta' tabakk f'post pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku bil jew minghajr hlas.

6. Bhala operatur ta' attivita turistika, hallejt jew ippermettejt li l-post tieghek jintuza f'xi zmien ghal ghemil kontra l-ligi jew il-moralita pubblika.

7. Akkwistajt jew kellek fil-pussess tieghek jew importajt arma rregolari, liema zamma, akkwist, importazzjoni jew pussess huma msemmija fl-iskeda 1 u huma projbiti, liema oggett hu stun gun (taser gun).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb il-warrant, licenzja, permess jew awtorita' ghal perjodu ta' zmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont l-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali.[1]

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet[2].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il kaz jirrigwarda spezzjoni li l-Pulizija ghamlu fl-istabiliment Red Stars, Triq San Girgor Zejtun u dan in konnessjoni ma' traffikar ta' drogi nhar id-19 ta' Settembru 2021. Jidher li fuq diversi persuni li kienu fl-istabiliment instabu xi drogi. Fil-lok instab high power stunt gun K 95 Type. Wara il-bar kien hemm l-imputata kif ukoll binha Leon Agius. Ftit wara gie fuq il-post Alberta Mifsud li intalab igib id-dokumenti in relazzjoni mal-licenzjar tal-istabiliment.

Il-pulizija innutat ukoll li minn barra seta jinsema' muzika gholja u dan anki meta il-bibien kienu maghluqin. Kien hemm diversi persuni ukoll

[1] Folio 1 u 2 tal-process

[2] Folio 37 tal-process.

ipejpu gewwa.  Jidher li in-nies ta' gewwa kienu minghajr maskra ghall-protezzjoni kontra l-Covid-19.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed **PS 1405 D. Gerada** li spjega li huwa ippartecipa f'raid go l-istabiliment Red Stars, Triq San Girgor, Zejtun u dan in konnessjoni ma' traffikar ta' drogi nhar id-19 ta' Settembru 2021.  Jidher li fuq diversi persuni li kienu fl-istabiliment instabu xi drogi.  Fil-lok instab high power stunt gun K 95 Type.  Wara il-bar kien hemm l-imputata kif ukoll binha Leon Agius.  Dwar l-istunt gun l-imputata qalet: '... x' tippretendu go hanut bhal dan ma zzommx taser....'.  Ftit wara gie fuq il-post Albert Mifsud li intalab igib id-dokumenti in relazzjoni mal-licenzjar tal-istabiliment.

Il-pulizija innutat ukoll li minn barra kienet tinstema' muzika gholja u dan anki meta l-bibien kienu maghluqin. Kien hemm diversi persuni ukoll ipejpu gewwa.  Ikompli jispjega li Mifsud Albert gie mitkellem nhar il-21 ta' Settembru 2021 u ipprezenta l-licenzja tal-istabiliment ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Jannar 2021 u l-ircevuta tal-hlas Ewro 46.59c.  Dwar is-substitute qal li jiftakar li kienu iffirmaw xi karti imma ma kellux fuqu. Jghid li hu ma jafx li in-nies jiehdu d-droga fl-istabiliment u hu joffri biss xorb.  Jghid li in-nies ta' wara il-bar jiehdu hsieb il-musika, u cioe' huma.  Jghid li hu jghin gol-bar.[3]

[3] Folio 7 tal-process.

L-imputata giet interrogata l-ghassa u inghatat id-drittijiet legali taghha. Qalet li hija wara il-bar tahdem u mhux fuq security. Tichad li l-muzika kienet daqstant gholja ghax semghet lill-pulizija gejjin.[4]

Xehed **PC 2388 G. Formosa** fejn ikkorrabora dak li qal is-surgent Gerada. Jikkonferma li dwar l-stungun l-imputata nisslet il-kliem '... x' tippretendu go hanut bhal dan ma zzommx taser....' Hu ma kienx involut aktar fl-investigazzjoni.[5]

Xehed **PC 1158 C. Saliba** li jghid li huwa kien mal-kollegi tieghu fl-ispezzjoni u ikkonferma dak li instab u li intqal mill-imputata fid-19 ta' Settembru 2021.[6]

Xehed **PC 1411 K. Buttigieg** permezz ta' affidavit li ikkonferma dak li instab fl-istabiliment Red Stars, Triq San Girgor Zejtun nhar id-19 ta' Settembru 2021.[7]

Xehed **Malcolm Zerafa** rapprezentant tal-Licenzji tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta. Qal li huwa jokkupa l-kariga ta' senior manager. Hu jiddikjara s-segwenti:

[4] Folio 3- 9 tal-process.

[5] Folio 11 tal-process.

[6] Folio 13 tal-process.

[7] Folio 18 tal-process.

‘ *....skond ir-riferta relattiva, kopja ta’ liema hawn annessa......niddikjara illi mir-ricerki li jiena ghamilt minn fuq is-sistemi tal-Awtorita’ ghat-Turizmu..... irrizulta li ma nsatbitx l-informazzjoni mitluba mill-Pulizija skont l-istess imsemmija riferta, kopja ta’ liema tinsab hawn annessi.*’[8]

Xehdet l-**iSpettur Doriette Cuschieri** nhar it-18 ta’ Frar 2022[9] li esebiet “taser gun” li kien instab waqt l-ispezzjoni li kienet saret gewwa Red Stars, Zejtun. Hija esebiet ukoll r-rapport relattiv ghall-incident[10].

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel u qabel kollox il-Qorti tinsab skoncertata li wara li qrat l-allegazzjonijiet hemm riportati, ossija allegazzjonijiet serji li l-persuni involuti kienu jafu minn qabel li kienet ser issir operazzjoni tal-pulizija dawn l-allegazzjonijiet thallew ghaddejjin mar-rih! Aghar minn hekk thallew f’idejn membri tal-Korp fil-gerarkija il-baxxa li jinvestigaw affarijiet li relattivament huma ta’ portata zghira bhal tipjip fil-hanut, pussess ta’ stunt gun, storbju ecc. Certament kien jimmerita li din l-investigazzjoni issir b’mod tempestiv u organizzat minn fizzjali gholja tal-Korp wara d-dikjarazzjonijiet li ghamlet l-imputata Amanda Agius!**

Il-Qorti tqis li huwa dover taghha li tipprovdi dwar dan in-nuqqas.

---

[8] Folio 21 tal-process. Riferta a folio 20 tindika tahrika il-Pulizija vs Amanda Agius MINGHAJR NUMRU TAL-KARTA TAL-IDENTITA’ u ‘To give evidence re- permits of ‘ Red Stars’ Triq San Girgor, Zejtun.

[9] A folio 34 tal-process.

[10] A folio 28 tal-proess.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tosserva li ghal dak li jirrigwarda l-licenzjar tal-istabiliment **'Red Stars', Triq San Girgor, Zejtun** hekk kif imnizzla fic-citazzjoni l-provi huma fjakki jekk mhux kontradittorji. Dan qed jinghad ghax jekk il-Qorti kellha tistrieh fuq id-dokumenti ezebiti minn Malcolm Zerafa mad-daqqa t'ghajn ghandu jirrizulta li dawk id-dokument jitkellmu fuq l-istabiliment '**Zejtun Red Stars**' li jinsab fi **Triq A. Cachia Zammit, Zejtun** u mhux dak indikat fic-citazzjoni u cioe **Red Stars, Triq San Girgor, Zejtun**. Il-Qorti tinnota illi l-isem tal-bar huwa differenti kif ukoll l-indirizz tal-fond huwa differenti![11] Aktar minn hekk id-dokumenti ezebiti jirrelataw ghas-sena 2019 u mhux ghall-perjodu indikat fl-akkuza skont ic-citazzjoni.

Bir-rispett kollu l-affidavit ta' Malcolm Zerafa huwa fjakk wisq u dan ikkombaccat mal-ftit informazzjoni li hemm fuq ir-riferta mibghuta mill-Pulizija Ezekuttiva fejn lanqas biss numru ta' karta tal-identita' tal-imputata ma hemm imnizzel. Konsegwentament, fl-opinjoni tal-Qorti ma hemmx provi bizzejjed in relazzjoni mal-fond 'Red Stars' Triq San Girgor, Zejtun ghad-data ta' 19 ta' Settembru 2021.

Huwa car li la l-pulizija u lanqas l-Awtorita' tat-Turizmu ma ghamlu l-icken sforz biex jinvestigaw il-kaz mill-aspett tal-licenzji u ma wrew l-ebda hegga fil-prezentazzjoni tal-evidenza fil-kaz odjern sabiex iressqu l-ahjar provi sabiex tinstab htija fl-imputata.

**Ghaldaqstant, in vista tan-nuqqas ta' provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tqis illi mill-provi in atti l-akkuzi numru**

[11] Folio 23, 24 u 25 tal-process.

**wiehed (1), tnejn (2), hamsa (5), sitta (6) ma jistghu qatt jirrizultaw u l-imputata ghandha tigi liberata minnhom.**

**Ikkunsidrat:**

L-imputata fid-19 ta' Settembru 2021 instabet wara l-bar li x-xhieda identifikaw bhala 'Red Stars' Triq San Girgor Zejtun, flimkien ma' binha Leon Agius kif ampjament jirrizulta mill-affidavits tal-ufficjali li ippartecipaw fl-ispezzjoni. Hija wiegbet ghad-domandi li sarulha dakinnhar u anki xi jiem wara in konnessjoni mal-ispezzjoni. Hija qatt ma cahdet xejn u l-kummenti u l-arroganza taghha ma tantx huma ta' gieh ghaliha u mhux ser jimpressjonaw lil din il-Qorti. Il-mod arroganti kif wiegbet lill-ufficcjali tal-pulizija xejn ma jaghmlilha gieh u hu ikkundannabbli.

Il-Qorti ma ghandhiex dubbju li hija u dawk li kienu prezenti fis-sieghat bikrijin ta' fil-ghodu kisru l-mistrieh u l-paci pubblika. Dan johrog car mill-affidavits tal-pulizija fejn jghidu li l-muzika gholja kienet tinstema' sew minn barra anki bil-bieb tal-aluminium maghluq.[12] Dak mistqarr mill-pulizija f'dan ir-rigward ma gie bl-ebda mod attakkat.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ghandha provi bizzejjed biex issib htija fl-imputata fir-rigward tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza.**

**Ikkunsidrat:**

[12] Folio 5 tal-process per ezempju.

Dwar il-pussess tat-taser gun ipprezentat in atti jidher car li l-imputata kienet taf bih. Dan kien fuq xkaffa fil-kcina, ezattament fuq sink. Illi huwa car illi l-imputata kienet taf b'dan l-istunt gun. Il-kumment taghha fejn qalet '....x'tippretendu go hanut bhal dan ma zzommx taser....' jorbotha ma' dak li instab. Issa l-*stunt gun* huwa arma ipprojbita ai termini tal-Kapitolu 480 Skeda 1 Taqsima 2.

**Ghalhekk, il-Qorti tqis li hemm bizzejjed provi biex tinsab htija anke ghar-rigward is-seba' (7) imputazzjoni.**

**Ikkunsidrat:**

Ghall-fini ta' piena li ghandha tigi erogata l-Qorti qieset is-segwenti:

Dwar il-ksur tad-disposizzjoni taht l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar l-Armi, insibu:

*51.(1) Kull min jikser l-artikolu 3 ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel:(a) jekk il-ħtija tkun dwar arma regolari, priġunerija minn tliet xhur sa għaxar snin;*

*56. Il-Qorti għandha tordna l-konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur.*

*57. Il-Qorti tista' tħassar jew tissospendi liċenzja maħruġa taħt dan l-Att u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenzja taħt dan l-Att għal żmien mhux iżjed minn ħames snin meta dik il-persuna tinsab ħatja ta' reat taħt dan l-Att.*

**Il-Qorti tqis illi fic-cirkustanzi tal-kaz, fejn il-ksur tal-ligi sehh f'post miftuh ghall-pubbliku ghall-skop ta' divertiment, u konsegwentament l-oneru li timxi mal-ligi huwa ferm akbar fuq l-imputata stante s-sigurta ta' dawk kollha li jiffrekwentaw l-istess bar, u fic-cirkostanza ukoll illi l-imputata bl-atteggjament u bid-diskors taghha jidher li ma ghandha l-ebda rispett lejn l-awtoritajiet u bl-agir taghha wisq anqas lejn il-ligi li hija obbligata thares fl-istess stabbiliment, il-Qorti ghandha tapplika is-sentenza ta' habs fil-minimu taghha sospiza ghal terminu medju.**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Avviz Legali 276/2021, ir-Regolament 2 tal-Kapitolu 465 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 414/2004 u l-Kapitolu 315, l-artikolu 3, 51, 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 338(dd) u 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **AMANDA AGIUS HATJA** tal-akkuzi numru tlieta (3), erba' (4) u seba' (7) filwaqt li qed issib lill-imputata **AMANDA AGIUS MHUX HATJA** ta' l-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), hamsa (5) u sitta (6) kif dedotti fic-citazzjoni u tilliberaha minnhom, u qed Tikkundanna lill-imputata ghal tlett xhur (3) prigunerija li qed jigu sospizi ghal zmien sena minn meta din is-sentenza ssir res judicata u dan ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll qed Tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' multa ta' tmenin Ewro (€80).

Il-Qorti qeghda ukoll tordna l-konfiska tal-oggett u cioe tal-istunt gun esebit formalment waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2022 u li gie ukoll ezebit fil-kawza *il-Pulizija vs Albert Mifsud* a favur il-Gvern ta' Malta[13].

Finalment il-Qorti qed tirrevoka kwalunkwe licenzja mahruga lill-hatja taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u kwalunkwe ligi ohra u qed tiskwalifika lill-hatja milli tottjeni kwalunkwe licenzja taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u kwalunkwe ligi ohra ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-hatja l-obbligi taghha skont din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hija ma tonorax l-istess.

**In vista tad-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputata, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi ikkomunikata minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga immedjatament dak li qed jigi allegat li intqal mill-imputata fl-affidavits ta' diversi ufficjali tal-Pulizija dwar taghrif li hija kellha dwar l-operazzjoni tal-iskwadra ta' kontra d-droga u l-allegazzjoni li hija ser tinfurma b'dak li kien qed jigri lil certa 'omissis' li kellu x'jaqsam mal-promozzjonijiet fil-Korp tal-Pulizija.**

**Tordna ukoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' tat-Turizmu sabiex jiehu hsieb li l-ufficjali tieghu juru aktar hegga u serjeta' meta jigu msejha biex jaghmlu l-affidavits u l-investigazzjonijiet taghhom dwar ir-referti u l-kazijiet li fihom huma jkunu involuti u mitluba jaghtu x-xhieda taghhom in rapprezentanza**

[13] Esebit KA 219/2022 go envelope immarkkat 5/I/2843/2021.

**ta' l-istess awtorita. Certament sta ghall-ufficjal pubbliku li jara li jkollu l-informazzjoni KOLLHA necessarja sabiex jaghmel dmiru u jekk jidhirlu li l-pulizja ezekuttiva baghtet informazzjoni nieqsa kif jidher li gara f'dan il-kaz ma ghandux jistenna l-bajtra taqa' f'halqu u jipprezenta affidavit u informazzjoni nofs kedda imma la darba intalbet ix-xhieda tieghu huwa fl-obbligu u dmir tieghu li jikkomunika mal-pulizija ezekuttiva sabiex dak li jipprezenta jkun tajjeb u b'sahhtu biex il-kaz jigi ippruvat. L-istess ghandu jaghmel il-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Fin-nuqqas il-procediment gudizzjarju jirrizulta biss f'hela ta' hin u rizorsi ghal dawk kollha involuti, mhux lanqas ghall-istess Qorti u ghas-sistema gudizzjarja.**

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 07 ta' Marzu 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

***Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

***Magistrat***

Annalise Mifsud

Deputat Registratur